KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 75** **Tlieta 7 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' onlajn, fis-6:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI:**
Mario Victor Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gauci. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gauci.

**75.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti numri 74.**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – 'Byelaw' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li jrid jiffinalizza din il *bye-law*, fejn il-ġnien ġie maqsum f'żoni bi prezz f'kull żona u prezz ieħor għal min jkun jixtieq juża l-ġnien kollu.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**

Is-Sindku nforma li għad qed nistennew mil-Enemalta dwar il-pubblikazzjoni tat-tender għad-dawl tal-pjazza. Sadanittant il-*floodlights* li kien issuġġerixxa il-Kunsillier Cassar saru fil-pjazza, b'mod temporanju, u hemm bżonn li jiżdiedu tnejn oħra fil-pjazza.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Is-Sindku nforma li l-perit tal-Kunsill għadu ma lestiex il-BOQ, fejn is-Sindku fakkar lil-membri preżenti li dan il-fond ta' l-ERA ser jintuża għax-xogħol strutturali f'dan l-ġibjun, u għalhekk bħala *finishing* tal-*belvedere* jrid jsir mill-Kunsill.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-avukat informa li lesta l-abbozz u kellu jibgħatu lid-DLG għal approvazzjoni.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Is-Sindku nforma li l-lista tal-monti qed tiġi konkluża, sadanittant hemm żewġ bejjiegħa tal-monti, fejn saritilhom ittra biex jarmaw temporanjament fuq it-*timed parking bays* għax skont il-union bil-fors irridu nipprovdu post.

Fis 6:08 daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Cassar.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Dwar il proġett ta' Project Green, rigward il *pre-financing* tat-10% tal-ammont li huwa madwar €200,000, is-Sindku nforma li trid issir laqgħa ma Project Green biex naraw x'jista' jsir biex il-Kunsill ikun jista' joħroġ dan id-depożitu. Is-Sindku stqarr li proprjament meta applikajna għal dan il-proġett, il-Kunsill kien jaf b'dan id-depożitu meħtieġ u ddikjarajna li aħna f'sitwazzjoni li nistgħu nħallsuh. Proprjament huwa l-Kunsill li jrid jara kif u min fejn se jġib dan id-depożitu u mhux Project Green.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li għad jrid jaraw min fejn ser jieħdu s-*supply* għal-elettriku, għax hemm żewġ residenti m'aċċettawx, u għalhekk qed jieħu ħsieb biex jsibu alternattiva oħra.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet mal-konsulent biex tinħareġ espressjoni ta' interess fuq dawn il-kriterji maqbula f-laqgħa numru 71.

- l-Kunsill ma jkunx obbligat li jmur għal irħas proposta,
- l-monument jkun jista' jinqala,
- sejħa toħroġ għal artisti Mostin,
- jkun hemm il-prezz ta' kemm jiġi jiswa u nstallat,
- d-disinn ma jkunx replikat f'xi raħal ieħor mill-artist.
- l-artist irid jagħti kas il-viżibilità għas-sewwieqa;

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee*, kif wkoll hemm proprjetajiet ġodda fejn ma hemmx isem tat-triq.

**REF: 62.3.2 Tenders**

Is-Sindku nforma li bagħtna tfakkira lil Cleansing and Maintenance Division (CMD), peress li s-CMD kellhom jżidu l-ħaddiema u jikkwotaw għal servizz ta'knis ġewwa l-Mosta. Risposta ma hemmx u għalhekk ġie deċiż bejn il-kunsilliera li jinħareġ it-tender mill-Kunsill b'mod immedjat.

Fis 6:13 daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Farrugia

**REF: 66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li din l-iskema għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**
Wara l-aħħar laqgħa, fejn il-Kunsillier Cassar nforma li nnota li kien hemm aktar siġar vandalizzati, s-Sindku għamel rapport lil-ERA. Min dak in-nhar l-ERA ġew flimkien mal-Pulizija biex jieħdu xi filmati mis-sistema li hemm fuq wara tal-knisja. Is-Sindku żied jgħid li l-ERA, fis-6 ta' Mejju, fuq is-sit tagħhom għamlu stqarrija li mill-investigazzjonijiet li għamlu, sabu li s-sustanza li ntużat fis-siġar kienet waħda velenuża. Huma ħadu kampjuni u bagħtuhom f'laboratorju barra min Malta, fejn ġew ikkonfermati r-riżultati. L-ERA kitbu wkoll fl-istqarrija li huma qed jassistu l-pulizija jaraw 770 siegħa ta' filmati min CCTV kameras. S'issa din il-ħidma ma kienitx waħda ta' suċċess.

Is-Sindku nforma wkoll li l-ERA talbu biex jkun estiż l-*irrigation* mas-siġar tal-ficus, liema *irrigation* saret mill-kuntrattur li għamel il-*landscaping* il-pjazza fuq talba tas-Sindku.

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku nforma li qara d-*draft agreement* fejn kien talab lill-kuntrattur biex l-ewwel sena ta' l-2024 il-manutenzjoni jkun mingħajr ħlas u l-ħlas jibda mis-sena 2025 għall-perjodu ta' 5 snin. Apparti l-manutenzjoni neċessarja li l-Kunsill obbligat li jagħmel, inkella taqa' l-garanzija fuq ix-xogħol tal-pavimentar, ser ikun hemm ukoll il-ħasil tal-pjazza kif ukoll il-frekwenza tal-ħasil għaliex dan huwa wkoll parti mill-manutenzjoni. Is-Sindku nforma li kien hemm xi punti fil-kuntratt li ma qabilx magħhom, u talab biex jkun rivedut.

**REF: 66.4.4 Ħarġa Kulturali tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ser issir nhar it-23 ta' Mejju f'Għawdex, li ser jkun limitat għal 53 persuna. Filwaqt li għal ħarġa li saret f'April fil-palazz tal-Gran Mastru attendew 90 persuna.

**REF: 69.4.1 Plakka Kommemorattiva u Ktieb – SKOLA PRIMARJA**
Il-Kunsillier Borg nforma li l-plakka ġiet mikxufa mil-Ministru u mis-Sindku, u tqassmu kopji tal-kotba lit-tfal ta' l-iskola, lill-Kunsilliera u li staff tal-Kunsill.

**REF: 67.4.12 Baġit**
Is-Sindku nforma li għanda ssir laqgħa l-ġimgħa d-dieħla biex jkun konkluż il-kuntratt tal-pjazza mad-DPF, liema flus huma riservati mal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sindku nforma li tad-DPF talbuh aktar informazzjoni bħal pjanti kif sar ix-xogħol attwali, informazzjoni fuq it-tappieri mwaħħla u l-BOQ b'kull żona b'referenza mall-pjanta.

**REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku**

Is-Sindku nforma li din l-*item* ser tinqabeż, sakemm tidħol għal-laqgħa il-Kunsilliera Bonnici.

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ttella avviż fil-medja soċjali, fejn ir-rotta 186 bl-għeluq tal-pjazza kienet qed taqbeż xi rotot, u għalhekk issa l-186 qed tinżel min triq il-Mitħna minħabba li triq Pantar kienet magħluqa, fejn aktar il-quddiem il-186 terġa' tibda tinżel min triq Pantar. Bħalissa il-186 qed tgħaddi kull 30 minuta, u qed tinżel min triq il-Mitħna, min Vjal Indipendenza u tibqà sejra lejn Buġibba. Dwar il-frekwenza tal-47 il-Kunsill għad m'għandux *feedback.*

Is-Sindku nforma li s-*survey* tal-kwantità ta' passiġġieri dwar il-*peak times* fil-pjazza sar, u TM qed jaħdmu fuq proposta.

**REF: 67.4.9 Triq Ġużeppi Callus u toroq tal-madwar (Torri, Xorxa, parti minn Cassar, Ċejlu Tonna u Mitħna l-Qadima kif ukoll pjazza Mitħna)**
Is-Sindku nforma li bħalissa qed jitqaxxru t-toroq Cassar, Xorxa u Tonna u din il-ġimgħa suppost tingħata l-ewwel passata tarmak tal-qiegħ. Fil-fratemp fi triq Callus bdew it-trinka ta' li-*storm water culvert*, u bankina fuq naħa waħda tat-triq. Fix-xelter ta' triq Callus k/m triq il-Kungress Ewkaristiku ġie spustjat il-mejn ta' l-ilma biex jitħalla aċċess għax-xelter.
Fix-xelter ta' triq Callus k/m triq Tonna, ser jiġi spustjat id-drenaġġ kif ukoll s-servizzi tal-Epic u tal-Melita biex anke dan ix-xelter ikun liberu mis-servizzi u aċċessibbli bla ebda xkiel.

Rigward l-istimi tal-pjazza biex jkunu *shifted* l-*aerial lines*, dawn ser jiswew madwar €37,000, u s-Sindku nforma li talab lill-Enemalta jħallsu parti sostanzjali minn din l-ispiża, u għalhekk suppost ser naslu f'arranġament.

Fis 6:24 daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Bonnici.

Il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk ix-xelters hux ser jitnaddfu mill-Kunsill, fejn is-Sindku nforma li iva, imma t-tindif tagħhom ser jsir fil futur għax l-ispiża hija konsiderevoli.

Il-Kunsillier Borg talab *update* dwar il-proġett tar-*roundabout* ta' Ċikku Fenech, fejn is-Sindku nforma li dan il-proġett issa ġie approvat mil-Awtorità ta' l-Ippjanar u għalhekk dan l-ispazju pubbliku issa huwa parti mill-proġett. In-numru tal-permess huwa DN 476/24.
Is-Sindku spjega li IM ser jagħmlu x-xogħol infrastrutturali tal-ġnien, però l-materjali tal-art u *coping*, li huma porfido u qawwi, kif ukoll it-tlestija ta' Sqaq Xorxa, issa ser isiru mill-Public Works. Dan huwa wieħed mill-għaxar proġetti applikati minn TM

**REF: 71.3.2 Jupiter Roundabout**
Dwar il-materja jekk hux permissibbli u legali, li l-Kunsill jkun intermedjarju biex jgħaddi l-flus minn IM għall-każin Santa Marija, is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex risposta.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Public Works fejn sar il-kuntratt li jrid jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Public Works.

Fuq nota oħra s-Sindku nforma li xtaq li ssir devoluzzjoni ta' l-art, biex b'hekk il-Kunsill jkollu t-titolu ta' l-art tal-ġibjun f'ta Mlit, għax bħalissa kulħadd qed jmur jieħu l-ilma għat-tisqija, bil-konsegwenza, li l-Kunsill qed jispiċċa jixtri l-ilma għat-tisqija. Id-devoluzzjoni tiswa massimu ta' €500 fis-sena. Il-membri preżenti qablu li napplikaw għal din id-devoluzzjoni.

Dwar l-arbitraġġ PAMA s-Sindku nforma li bagħat imejl bil-proposta lil PAMA, fejn spjega li t-talba tal-Kunsill hija €270,000, fejn il-bankini ma kellhomx jammontaw għal aktar min €200,000 jew 4,200 metru kwadru, kienet saret il-bankina ta' triq Pantar għas-somma ta' €50,000, talab €10,000 għal ktieb, u li l-ispejjeż tal-perit, skont il-kuntratt mhux parti mis-somma imma spejjez tal-PAMA. Is-Sindku talab wkoll €10,000 f'interessi. Is-Sindku nforma li l-PAMA għad jridu jiddiskutu l-proposta fil-bord tal-PAMA.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li din il-materja jrid jitkellem fuqha, f'*item* 75.5.2 Proġetti MOU Public Works, għax marbuta magħha.

**REF: 71.3.6 Street Furniture**
Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-*bus shelter* tal-pjazza l-bieraħ bagħat lura l-kuntratt b'xi reviżjoni mil-avukat tiegħu, u għad jrid jara x'biddel.

**REF: 71.5.7 Xogħol tal-Enemalta minn Infrastructure Malta fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li għada għandhom jagħtu t-tarmak ta' triq il-Farinal u triq Ponsonby. Kif wkoll bejn triq it-Torri u triq Kulleġġ ser jingħata tarmak il-wiesgħa ta' triq kollu biex ma jżommx ilma. Ir-residenti ġew infurmati.

**REF: 72.4.2 Zebra Crossing fi Vjal Indipendenza**
Is-Sindku nforma li z-*zebra crossing* ser issir meta jsir il-fażi tal-proġett ta' Vjal l-Indipendenza bejn ir-*roundabout* f'tarf triq il-Kbira u Ventur.

**REF: 72.5.4 Traffic Management**
Saret diskussjoni dwar *traffic management*, liema pjanta ġiet diskussa mit-TMC u preżentata lill-Kunsilliera u qed tiġi annessa bħala *Appendiċi A.*

Triq Ponsonby qegħda direzzjoni lejn il-belt ħlief l-aħħar parti ta' fuq, triq is-Sajf ser tkun *one-way,* u triq ix-Xitwa ser tkun direzzjoni 'l barra kif kienet qabel. Triq il-Ħarifa min naħa tal-lemin ser tkun direzzjoni lejn triq ir-Rebbiegħa, u n-naħa tax-xellug direzzjoni lejn triq il-Ġdida.

Vetturi li ġejjin mid-direzzjoni ta' triq Valletta, fejn illum wara Kungress Ewkaristiku jistgħu jiksru għal triq Cassar bħala l-ewwel triq, issa ser jkunu jistgħu jiksru mit-triq li jmiss, cioé triq Anglu Gatt.

It-tibdil huwa, li triq il-Ħarifa min direzzjoni waħda ġiet parti minnha b'żewġ direzzjonijiet bejn triq Anġlu Gatt u triq il-Farinal.

Il-membri preżenti qablu ma dan it-tibdil, u l-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li ittra u pjanta tintbagħat lir-residenti.

Is-Sindku spjega wkoll li Transport Malta qed jevalwaw is-sistema ta' traffiku tal-*hairpin,* ta' ħdejn Subaru Junction, fejn it-traffiku jkun jista' jdur kif mmarkat bil-vleġġa safra fil-pjanta mmarkata Appendiċi B. Dan ifisser li min ikun ġej minn direzzjoni ta' PAMA għal Valletta Road biex idur lura lejn Ħal Lija ma jkollux il-bżonn jidħol mar-*roundabout* tas-Subaru imma jibqa' jdur bla xkiel. Dan jista' jsir biss jekk minn triq Sajf ma jkunx hemm ħruġ lejn *roundabout* Subaru, iżda triq Sajf tkun dħul biss.

Il-membri preżenti qablu mall-proposta li ġiet preżentata f'*Appendiċi B* u li qed jaħdmu fuqha IM in prinċipju.

Is-Sindku nforma li fiż-żmien l-eks Sindku Romilda Zarb, il-Kunsill kien qiegħed jiddiskuti t-traffiku f'ta' Targa Gap, fejn il-pjan kien diskuss waqt *Traffic Management Committee* (TMC), wara kien tela' fuq il-mejda tal-Kunsill għal approvazzjoni, u konna qassamna l-ittri lir-residenti għal-*feedback* tagħhom, fejn mbagħad il-pjan ta' traffiku ġie rivedut mill-*feedback* li taw ir-residenti, fejn triq in-Naġġar tkun *two-way* u min triq in-Naġġar sa triq il-Garrier tkun *two-way.*

Tibdil ieħor żgħir huwa fejn triq il-Fortizza toħroġ għal triq il-Kostituzzjoni, il *one-way* qegħda aktar il-fuq fejn hemm it-tabella Mġarr Farmers. Is-Sindku żied jgħid li fejn hemm dik il-bitħa ta' Mġarr Farmers, hemm bosta garaxxijiet u vetturi kbar, li joħorġu min hemm u jkunu jridu jmorru direzzjoni lejn il-Pont. Dawn illum qed joħorġu min triq il-Fortizza, għal triq il-Kostituzzjoni, għal triq Difiża Ċivili biex jaslu sal-Pont, għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-*one-way* titlà aktar l-fuq madwar 50 metru, biex dawn il-vetturi l-kbar jkunu jistgħu jduru lejn il-Pont. Is-Sindku nforma li din hija t-talba li qed jagħmlu huma stess.

Rigward triq il-Ballut, is-Sindku nforma li din hija *two-way* u dejqa, u għalhekk it-triq hija dejqa wisq biex tibqà hekk għax qed ikun hemm konġestjoni, għalhekk din għanda tiġi *one-way,* inkluż triq il-Kappar.

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex javża lil INDIS u tintbagħat ittra u pjanta lir-residenti qabel l-implimentazzjoni. Il-membri preżenti qablu mat-tibdil li ġie preżentat f'*Appendiċi C.*

**REF: 73.5.1 Financial Statements 2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-somma ta' €151,215, li hija s-somma li daħlet ma l-allokazzjoni tħallset lura lir-Reġjun. Dwar is-somma ta' €230,773.80 li huma relatati mal-kollezzjoni ta' ġbir ta' skart sa l-aħħar tas-sena 2023, u parti min din is-somma li tammonta għal €62,652.54 hija relatata ma l-iskart organiku li tħallas lil Kunsill bi żball sa Frar 2023. Fuq dan l-ammont globali sar qbil fuq proposta tas-Sindku li dan l-ammont jitħallas lura lir-Reġjun fi żmien 5 snin, cioé 60 xahar. Għalhekk sar *standing order ta'* €3,846.23 li ser jibdew jitħallsu fix-xahar biex jitħallsu fi żmien ħames snin.

Ir-Reġjun għamlu kundizzjoni lill-Kunsill illi huma aċċettaw li l-Kunsill iħallas lura din is-somma fuq perjodu ta' 60 xahar, bil-patt u kundizzjoni li l-kontijiet kurrenti kollha li jintbagħtu lill-Kunsill relatati ma skart iridu jitħallsu fil-ħin.

**REF: 74.3.2 Notebook Centre**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri preżenti, li tkellmet ma tan-Notebook Centre u nfurmati li għal din is-sena dan l-*agreement* kif sar fis-snin preċedenti, ma jistax jsir għal-żewġ raġunijiet. Waħda, hi li rridu nitolbu kwotazzjonijiet, u t-tieni ħaġa, li fondi biżżejjed il-Kunsill bħalissa m'għandux. Tan-Notebook Centre nforma li lest li xorta joffri l-offerta bla-ħlas.

**REF: 74.3.3 Eżamijiet tal-MATSEC**

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mad-dipartiment tal-MATSEC kif wkoll mad-dipartiment ta' l-eżamijiet, għax fil-granet ta' l-eżamijiet dawn jieħdu pussess ta' l-iskola, biex jużawha għal-eżamijiet.

Waqt il-laqgħa s-Sindku nformahom li dawn qed joħolqu nkonvenjent kbir ta' traffiku b'mod partikolari fi triq il-Biedja u triq Ġorġ Mitrovich. Il-MATSEC u d-dipartiment nformaw li huma m'għandhomx flus għal *traffic management* estern barra l-iskola u huma jġibu pulizija wieħed biss għall-buon ordni, u għalhekk sar qbil li tingħalaq ix-xatba ta' triq il-Biedja kompletament, isiru dawk it-tabelli neċessarji mat-toroq mill-Kunsill u nġiebu l-*wardens* neċessarji biex min ġej għall-eżamijiet jasal u juża' l-aċċess fi triq l-Inkurunazzjoni.
Is-Sindku nforma li din is-sistema ħadmet tajjeb ħafna u r-residenti apprezzaw l-għajnuna tal-Kunsill.

**REF: 74.4.1 Skola Primarja Grognet 125 Anniversarju**
Il-Kunsilliera Deguara u Borg nformaw li din kienet suċċess. Il-Kunsillier Deguara nforma li għaċ-ċerimonja ta' l-anniversarju tkellmu l-Kunsillier Borg, l-Profs. George Cassar u l-Ministru. Il-Kunsillier Borg nforma li l-uffiċjali tal-LESA kienu ta' għajnuna u t-triq ingħalqet għal mhux aktar min nofs siegħa.

Is-Sindku kien preżenti u flimkien mall-Ministru tal-Edukazzjoni kixef l-lapida kommemorattiva li tfakkar il-125 anniversarju tal-iskola primarja.

**REF: 74.4.2 Fondi LESA lil NGO's**
Is-Sindku nforma li applikaw erba' għaqdiet, li huma Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard, 15 ta' Awwissu, Soċjetà Filarmonika Santa Marija u Neokatekumenali Mosta.
L-applikazzjonijiet ser ikunu evalwati mill-LESA.

**REF: 74.4.3 Triq iċ-Ċinju**
Is-Sindku nforma li saret l-applikazzjoni ma Transport Malta u din ġiet indirizzata biex isiru *speed bumps* u lis-*stop Signs* fuq kull naħa tal-*junction.*

**REF: 74.4.4 Bicycle Rack**
Is-Sindku nforma li fejn jidħol il-proġett ta' ġnien Reggie Cilia ser jkun hemm *bicycle racks*, u ser issiru skont lis-speċifikazzjonijiet *Sheffield*, però ser idumu ma jsiru, għalhekk is-Sindku staqsa lil-membri preżenti jekk jaqblux li jsiru fejn kienu qabel fejn ix-xelter fil-pjazza. Is-Sindku nforma wkoll l-għaqda tar-roti talbu biex ta' l-inqas jitneħħa parkeġġ biex jsiru l- *bicycle racks.* Saret diskussjoni, fejn jistgħu jsiru l-*bicycle racks*, u l-membri preżenti qablu, li jinstab post bejn jistgħu jsiru l-*bicycle racks* anke jekk jintilef parkeġġ.

Is-Sindku nforma wkoll li rċevejna korrispondenza fejn resident u *business owner* tar-roti, talab li jsir *bike maintenance station* li tiswa €1,990, li jkun fih l-apparat fejn wieħed jkun jista' jirranġa *puncture* u jonfoħ it-*tyres,* u jkun fiha ċertu għodda oħra. Saret diskussjoni li dawn jistgħu jinsterqu, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li llum il-ġurnata, kull ċiklist jkollu *tool pocket* għal li jista' jinqala, għax biex tuża dan lis-*station* wieħed jrid jinzerta ħdejha, u għalhekk mhux vallapena. Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li almenu jista' jsir tip ta' apparat li jissupplixxi l-arja li wieħed jkun jista' jitfa' munita bħal ma wieħed isib f'pompi tal-petrol.

Il-membri preżenti qablu li għal *bike maintenance station,* napplikaw għalija meta toħroġ skema addattata.

**REF: 74.4.5 Ġonna/Spazji Pubbliċi**
Is-Sindku nforma li kważi kollox lest, fejn l-*artificial turf* twaħħal u fadal biss li jitwaħħlu l-istrumenti ta' daq, li ngħataw lil Kunsilli mil-iskema MFER/51/2021 Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits. Fadal naqriet ta' xogħol oħra bħal taħwil ta' *shrubs*, żewġ xtieli, bdil tal-*manhole covers* għal ħadid flok *plastic*, irranġar ta' madum sfrondut, preparazzjoni tal-bażijiet tal-monumenti tal-ftuħ, tindif u ħasil tal-ġonna Grognet de Vasse u 15 t'Ottubru.
Ser isir il-ftuħ mill-Kunsill u *press conference* tagħhom dan ix-xahar.

Il-bandli saru mil-fond tad-DPF u għalhekk għal dawn ikun hemm ftuħ mill Ministru konċernat meta ningħataw id-data.

L-istess ser isir fil-ġnien biswit iċ-Ċentru Ċiviku fejn wara li ser ikun lest il-pavimentar bil-fondi tal-Public Works, isir il-ftuħ uffiċjali tar-riġenerazzjoni ta' dan il-ġnien, fejn f'dan l-ispazju wkoll ser tiġi mikxufa skultura artistika f'finanzjata mill-fond tar-Reġjun Tramuntana.
Dan mistenni jseħħ dan ix-xahar kif ukoll ser tinkixef lapida kommemorattiva.

**REF: 74.5.2 Aċċess Temporanju mill-PAMA**
Is-Sindku nforma li sa l-aħħar ta' dan ix-xahar għandu jingħalaq l-ħajt fejn bħalissa hemm l-aċċess tal-PAMA.

Is-Sindku staqsa lil-membri preżenti jekk jaqblux li jinżergħu siġar tal-ballut kbar quddiem dan il-ħajt, u biex hekk ma jkunx hemm riskju li dan l-aċċess jerġa xi darba jittanta jinfetaħ. Is-Sindku staqsa lil-membri preżenti jekk jaqblux, li fit-tul tat-triq, jiġifieri n-naħa tal-ħajt fejn hemm l-ispazju tal-bankina, issir talba lill-*Lands* biex din l-art tkun devoluta lill-Kunsill, u b'hekk il-Kunsill jkollu aktar saħħa biex joġġezzjona f'każ ta' bżonn.

Is-Sindku wera lill-membri preżenti l-parti tat-triq li kien qed jirreferi għalija min *Google maps Appendiċi D.*
Il-membri preżenti qablu biex nippruvaw napplikaw għad-devoluzzjoni, u qablu li jinżergħu siġar tal-ballut kbar quddiem il-ħajt.

**REF: 74.5.3 Monument Joseph Barbara**
Rigward l-approvazzjoni biex l-artist Joseph Barbara jagħmel monument li jitqiegħed b'mod temporanju għal perjodu ta' sitt xhur, min materjal riċiklat fi *traffic island* fejn it-*Tree Cake* a spejjez tiegħu, s-Sindku nforma li għandu jibgħat jinforma lis-Sur Barbara bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-membri preżenti approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 74.

Fis 7:55pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

**75.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**
**75.3.1 Festa Bidnija u festa Mosta - Fire Engines**
Il-membri preżenti approvaw biex bħal kul sena, l-Kunsill jordna l-*fire engines*, matul il-festa tal-Mosta u tal-Bidnija. Dawn għandhom jkunu *claimed* mil-fondi tar-reġjun.

**75.3.2 Għaqda Kaċċaturi u Ħbieb Mostin**

L-Għaqda Kaċċaturi u Ħbieb Mostin ħa jtellaw *fund raising event* b'risq Puttinu, u bħal kull sena talbu li l-Kunsill jgħin fil-ħlas tal-*wardens* u tal-*mobile toilets.* Dan l-avveniment ser isir fis-6 ta' Lulju 2024.

Il-membri preżenti qablu li nagħtuhom il-*wardens* neċessarji u ħames *mobile toilets.*
L-ispejjeż tal-*wardens* għandhom jkunu rkuprati mil-fondi tar-reġjun.

**75.3.3 Skema Ġonna fl-Urban**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din l-iskema mhux vallapena, għax il-Kunsill jrid jixtri 50 siġra taż-żebbuġ u tal-lariġ, u r-rifużjoni mhux aktar min €500. Din l-iskema tħabbret mill-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

Fit-8:00pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal-*items* 75.5 Rapporti.

**75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**75.4.1 Pavimentar li Nqala mil-Pjazza**
Il-Kunsillier Cassar staqsa lis-Sindku x'sar minnu l-pavimentar li nqala mil-pjazza u li kien hemm l-ideja li jintuża f'xi sqaq ieħor. Is-Sindku nforma ma jafx eżatt kemm hemm metraġġ ta' madum, però ingħata parti kbira minnu lil-arċipriet fuq talba tiegħu għall-użu taz-zuntier.
Is-Sindku stqarr li dan il-madum kollu diġà ngarr minn sit għal ieħor darbtejn u issa qed jinżamm bla ħlas fil-bitħa tal-Paramount Garages fi triq il-Fortizza sakemm jippermettilna s-sid.
Il-Kunsillier Cassar talab biex naraw eżatt kemm fadal madum tal-pavimentar li kien fil-pjazza, biex naraw fejn nistgħu nużawh.

**75.4.2 Art miftuħa u mitluqa fi triq Freddie Micallef**
Il-Kunsillier Borg stqarr li xi residenti li joqgħodu int u dieħel il-Housing Estate fi triq Freddie Micallef qegħdin kontinwament jilmentaw li hemm il-ġrieden. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li diġà sar rapport lis-santità. Wara kjarifika mall-*Lands* irriżulta li din l-art hija tal-privat.

**75.4.3 Traffic Lights fejn Ġnien Calvagna**
Il-Kunsillier Borg staqsa meta ser jsiru t-*traffic lights* fejn ġnien Calvagna. Is-Sindku nforma li ser jieħu ħsieb.

**75.4.4 Traffic Lights fejn Casa Arkati**
Il-Kunsillier Gatt staqsa meta ser jsiru t-*traffic lights* fejn Casa Arkati. Is-Sindku nforma li - Kunsill ipprova jaħsel lis-*sleeve* bil-*power wash* għax kien hemm *cable* maqtugħ u ma setgħux jiġbduh lura biex jinbidel. Eventwalment indunaw li l-kuntrattur li għamel ix-xogħol privat biex iġib provvista tad-dawl għall-privat, għamel xogħol ta' tħaffir ta' trinka biex jsir *cable* mis-*substation* ta' Casa Arkati għal Dar Santa Rosa, u jidher li laqgħat il-*cable* tat-*traffic lights,* ma ndunawx u taw it-tarmak. Is-Sindku nforma li jrid jiġi l-kuntrattur li ħadem u jirranġa a spejjeż tiegħu.

**75.5 Rapporti**

**75.5.1 Development Planning Funds**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**75.5.2 Proġetti MOU Public Works**

Is-Sindku nforma li ġiet mneddija skema mil-Public Works fejn ser jkun hemm allokati 10 miljuni fi proġetti Infrastrutturali għall-Kunsilli Lokali kollha għas-sena 2024, u kien hemm il-*launch* ta' din l-iskema ġewwa MFCC f'Ta' Qali fejn il-Kunsilli kollha ffirmaw MoU. Il-proġetti ser jkunu infrastrutturali u ma jinkludux toroq magħmulin bit-tarmak, imma jistgħu jkunu toroq bil-pavimentar bl-użu ta' materjal tal-qawwi, lava jew porfido. Is-Sindku żied jgħid li jista' jkun li l-Kunsilli kull ma jridu jħallsu 1% tal-proġett.
Is-Sindku nforma li l-Kunsilli ntalbu jissottomettu fuq sistema onlajn, il-pjanti eżistenti, servejs dettaljati tal-proġetti, pjanti proposti kif ukoll stimi dettaljati. Il-Public Works talbu biex nissottomettu 10 proġetti, u s-Sindku nkluda diversi proġetti min dawk li għadhom ma sarux mill-fond tad-DPF, biex b'hekk itaffi mill-Kunsill ikun jrid joħroġ madwar 30% mis-somma fil-każ tad-DPF.

Għalhekk, is-Sindku nforma lil-perit tal-Kunsill pprepara dak kollu neċessarju wara laqgħat mas-Sindku u bħala Kunsill applikajna għal;

- għaz-zona ta' quddiem iċ-ċentru ċiviku, biex issir kurduna u pavimentar madwar is-*soft areas;*
- il-bankina ta' madwar l-ECO *garden* ġnien Carmelo Dimech inkluż ħitan ġodda;
- żewġ ġonna ġewwa Sta. Margerita fejn qed jsir ukoll proġett tad-dawl bil-fondi tal-LESA. Dawn l-ispazji huma l-*public open space* fejn l-applikazzjoni saret biex jinbidel il-*coping* tal-ġnien għax huwa konkos deterjorat, il-bdil tal-bankina u *cladding* mall-ħitan esterni.
  Hemm wkoll ġnien żgħir fi triq il-Feniċi fejn biex isir komplut irid isir pavimentar ġdid li jkun aċċessibbli għal kulħadd. F'dan l-ispazju ukoll qed isir l-proġett tad-dawl bil-fondi tal-LESA.
- iz-zona tal-Qares biex jsir pavimentar madwar il-kappella u jkunu restawrati ħitan tas-sejjieħ;
- Sqaq San Anton Abbati biex jsir l-isqaq, bankina b'tal-qawwi bejn l-isqaq u l-kappella, *central strip* u l-bankina ta' faċċata li ssir b'tal-qawwi wkoll;
- Sqaq Xorxa flimkien ma l-għalqa ta' Ċikku Fenech ser jsiru pavimentar. L-għalqa li nafuha ta' Ċikku Fenech ser issir min Infrastructure Malta (IM), imma l-pavimentar tal-qawwi, *road humps* tal-porfido u trejqa tal-porfido ser isir b'dan il-fond;
- Parti żgħira min triq Kurat Schembri tiġi pavimentata flok il-konkos eżistenti. Issir sistema tal-għargħar;
- Proġett kbir li ssir triq Ġnejna inkluż pjazza Brittanja kollha bil-pavimentar. Jekk dan il-proġett jkun approvat, il-Kunsill jrid jmur għand IM biex jsir ix-xogħol infrastrutturali li jinkludi bdil tas-servizzi tal-ilma u drenaġġ u ssir sistema tal-għargħar kif ukoll pjattaforma tal-konkos li sservi bħala sodda għall-pavimentar;
- Proġett ieħor kbir mil-arċipriet sal-pjazza tal-Lord Nelson jsir bil-pavimentar wkoll;
- Pjazza Torri ssir pavimentata flimkien mall-kumplament ta sqaq Kurat Calleja. F'dan l-isqaq, li diġà nbeda minn naħa tal-pjazza hemm bżonn jinbidlu s-sistemi tal-ilma u ta' drenaġġ għaliex saret spezzjoni bis-CCTV u rriżulta li d-drenaġġ huwa mkisser u qed jiskula taħt it-triq u anke hemm drenaġġ dieħel f'kantini ta' residenti. Bħalissa qed issir triq torri minn IM u allura tagħmel sens li dawn is-servizzi jinbidlu immedjatament;

Is-Sindku nforma wkoll li ma dawn il-proġetti ser jipprova jżid proġett ieħor li huwa Sqaq Charles J. Vassallo. Dawn il-proġetti jammontaw għal madwar 2 miljuni ewro. Ovvjament ma jfissirx li mil-Public Works ser japprovaw dan kollu.

Il-Kunsillier Cassar talab jekk il-Kunsilliera jistax jkollhom rendikont ta' kemm ser jiswew dawn il-proġetti b'mod individwali, fejn is-Sindku nforma li ser ilesti *excel sheet* u jiċċirkola mall-Kunsilliera.

**75.5.3 Fanali Dekorattivi Phase 4**

Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-fanali dekorattivi qal li dan il-mudell ser ikun *out of production* u jekk għanda bżonn aktar fanali biex jaqblu mal-mudell li diġà nstallajna rridu navżaw malajr, anke jekk irridu xi fanali *spare.* Is-Sindku nforma li għal *phase 4* fadal xi zoni oħra xi jsiru.

Is-Sindku nforma li jekk ser niffrankaw il-flus mid-DPF għal proġetti li ser jsiru mil-Public Works, issuġġerixxa biex nkomplu bl-applikazzjoni mad-DPF ta' *phase 4,* u naraw kemm nistgħu nieħdu fondi.

Il-membri preżenti talbu lis-Sindku biex jiċċirkola lista ta' toroq li fadal isiru fanali antiki , qabel ma jkunu ordnati.

Fit-8:25pm il-Kunsilliera Rapa u Zerafa talbu biex jkunu skużati mil-laqgħa, u tkompliet il-laqgħa biex isiru l-*items* 75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**75.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**75.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 150. Il-Kunsillier Deguara għamel osservazzjoni li l-pagamenti tal-kuntratturi tal *handyman* u tal-ġardinar huma ħafna. Is-Sindku nforma lis-Sur Deguara li jista' jgħaddi sa l-uffiċju tal-Kunsill u jara l-*invoices* fejn hemm kollox dettaljat u l-*items* maqsumin. Huwa stqarr li jekk huma ħafna sinjal li qed isir ħafna xogħol.

Il-Kunsilliera Bonnici, staqsiet jekk nbidilx il-prezz tal-kuntrattur tal-*public toilets* peress li issa latrina waħda għandu x'jieħu ħsieb, apparti li din il-waħda mhuwiex jieħu ħsieba sew. Is-Sindku nforma li l-bieraħ kellem lill-kuntrattur tal-*public toilets* minħabba li xogħol ta' tindif mhux isir sew, u s-Sindku għandu jkellem lill-kuntrattur dwar il-prezz.

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**75.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**75.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list.*

**75.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw il-listi tal-*petty cash* li jkopru x-xahar ta' April 2024.

**75.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-8:50pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 30 ta' Mejju 2024 fis-6:00pm.

Konfermati llum 30 ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

APPENDICI A


Fitmums Malta
St. Monica's School
Hairexcellence unisex hair salon
VCT (Malta) Lighting Shop
Naturannis
The Willows
Anglu Gatt
230 Works | Malta Coworking
Dar Charles Miceli (Caritas Malta)
PrintHub.mt
Fuji Subaru Car dealer
Dead End Street
Masco Security Services Ltd


APPENDICI B
Car dealer
See similar places
World War II Memorial
Triq Is-Sajf
La bottega del barbiere
Triq Valletta
Triq Valletta
Masco Security
Services Ltd

# APPENDICI C


Triq id-Difiża Civili
Triq Mirrah Għorieq
Eurospin
Lidl
AX Group
Sauvage Lifes
RS2
GM Auto Garage
Mgarr Farms
The Oven
HotYogaMalta Mosta
Triq il-Kappar
Mosta Fitness Center
Zeuber
Constitution St
IDEA
Triq Sir Arthur Borton

# APPENDICI D

